# Daqqaqa Beltin mhux magħrufa fis-seklu 18

**NOEL D'ANASTAS**
B.LAIS (Melit.),
M.Mal.Stud. (Melit),
A. Mus. LCM

## (L-ewwel parti)

Fil-bidu tas-seklu 18, il-parroċċa ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt fi żmien il-parroku Dun Domenico Facciol STD (1651-1736) kellha madwar 4,850 resident.[1] Kienet fost il-parroċċi l-kbar li kien hawn Malta matul dak iż-żmien. Kellha wkoll fi ħdanha fost l-akbar numru ta' kleru. Il-knisja parrokkjali ta' San Pawl fil-Belt ġiet mgħollija għad-dinjità ta' Knisja Kolleġġjata fl-1733.

Il-Belt Valletta bil-port tagħha u r-residenza tal-Ordni ta' San Ġwann, kienet ċentru ta' amministrazzjoni, kummerċ, arti u kultura. Belt kosmopolitana fl-aqwa tagħha b'uħud mill-aqwa personalitajiet f'diversi oqsma ta' professjoni, familji nobbli u oħrajn meqjusa mhux daqshekk tal-alta soċjetà, kienu qed jimlew kull rokna tal-Belt. Magħhom ukoll numru kbir ta' persuni li kienu jaqilgħu l-għajxien tagħhom mill-baħar u mill-flotta tal-Ordni. Fost dawn kien hemm ukoll numru kbir ta' mużiċisti u daqqaqa li fil-Belt sabu kif jaqilgħu x'jieklu.

Matul is-seklu 18, il-knisja parrokkjali kienet għaddejja minn żvilupp importanti fit-tisbiħ u l-armar artistiku. Jixhed ukoll dan l-iżvilupp, il-festi ċċelebrati bl-aktar mod solenni u dinjitużi kif hemm dokumentat fil-faxxikli tal-*Veneranda Lampada*, ir-rapport finanzjarju tal-introjtu u n-nefqa mill-prokuraturi biex isiru l-festi, sew dik tal-Konverżjoni kif ukoll in-Nawfraġju, u festi oħra żgħar imħallsa mill-fond tal-kappillan. Dawn id-dokumenti jinsabu fl-arkivju tal-parroċċa u anke fl-Arkivju tal-Kurja Arċiveskovili, fil-Furjana.

Il-*Veneranda Lampada* kienet l-aktar entità importanti li kienet tieħu ħsieb l-altar maġġur u fost l-oħrajn kellha l-obbligu li żżomm il-lampier dejjem mixgħul u tieħu ħsieb bżonnijiet oħra, inkluż il-festa titulari, il-manutenzjoni tal-knisja, proġetti artistiċi u attività oħra. Dawn il-faxxikli huma ta' importanza kbira mhux biss għall-istorja tal-knisja u l-Belt, iżda għall-istorja ta' pajjiżna.

Minn dawn ir-reġistri joħroġ tagħrif minn kienu l-*Maestri di Cappella* li mexxew il-mużika fil-festa u n-nefqa li swiet lill-prokuraturi, inkluż il-ħlas lill-organista u l-manutenzjoni tal-orgni, u d-daqqaqa fil-purċissjoni.


Tieg. Str. Princ.le B.o D.
C Maria Pisano 55,
D. Grazia fig: 19.
C Margherita fig 13,
Natale fig 8,
Rosolia fig 6,
Anna fig 2,
C Giuseppe Scerri 27,
C Caterina Mogl 50,
Conf: Vittoria Alvarez 11,
Vit: Carlino Costa 57,

*L-Istatus Animarum tal-knisja parrokkjali tal-Madonna tal-Porto Salvo fil-Belt Valletta tal-1762. Natale Pisano kien għad kellu 8 snin u l-familja kienet toqgħod fi Strada Principale f'din il-parroċċa. (Arkivju tal-Katidral Metropolitan, Imdina)*

Id-daqqaqa fil-purċissjoni jissemmew fir-rendikont tal-festa fil-bidu tas-seklu 18. Fir-reġistru tal-*Veneranda Lampada* tal-prokura ta' Dun Pietro Facciol (1639-1712) u Gio. Battista Dorel ta' bejn Mejju tal-1699 u April tal-1707, insibu ħlas mogħti lid-daqqaqa waqt il-purċissjoni. Fl-1702 u fl-1706 hemm imniżżel li t-trumbettieri tħallsu sitt tari "6 tari alli trombettieri portati nella processione del detto Santo".[2] Għall-festa tas-snin 1705 u 1707 il-ħlas kien ta' erba' tari.[3]

Is-snin amministrattivi ta' bejn Settembru tal-1722 u Awwissu tal-1726, il-prokura kienet f'idejn Dun Michele Aquilina u l-Baruni Isidoro Viani. Id-daqqaqa tat-trombi fil-vespri u l-purċissjoni kienu tħallsu bejn tmienja u għaxar tari.[4]

Kienet drawwa li dawn id-daqqaqa tat-trombi, tnabar, fifri u xi strumenti oħra kienu jdoqqu fil-purċissjonijiet madwar Malta. In-numru tagħhom kien ivarja minn żewġ daqqaqa għal anke aktar minn sitta. Ġeneralment dawn id-daqqaqa kienu jinġiebu mill-Belt.

## Id-daqqaqa fuq ix-xwieni tal-Ordni ta’ San Ġwann

Fuq ix-xwieni tal-Ordni ta’ San Ġwann konna nsibu numru ta’ daqqaqa tat-tnabar u l-fifri u daqqaqa oħra tat-trombi, oboe u klarinetti kif ukoll dak li jżomm ir-ritmu tal-qdif. L-Ordni ta’ San Ġwann minn dejjem ħabrek li jiġu mgħallmin dawn l-istrumenti lil kull min ikun irid, saħansitra lin-nies taċ-ċorma u l-iskjavi.[5] Dawn kienu jingħaqdu flimkien u jagħtu sehem f’xi okkażjoni speċjali u dik rikreattiva. Maż-żmien, din ix-xorta ta’ mużika bdiet taqbad l-art f’okkażjonijiet ta’ ferħ, festi u purċissjonijiet.

Ir-reġimenti, il-flotta u kull bastiment navali kellhom banda tagħhom kif fil-fatt kellha l-armata Torka. Ma kenitx xi banda b’ħafna strumenti, iżda kienet biżżejjed biex taqdi l-ħtiġijiet tal-istess bastiment kif ukoll f’ċirkustanzi mhux tas-soltu. Dan ukoll jikkonfermah Antonio Bosio fejn jagħti deskrizzjoni x’sab il-Granmastru Pierino del Ponte meta fl-1534 tela’ fuq wieħed mix-xwieni tal-Ordni.[6] Fl-1603, il-Kapitlu Ġenerali ddeċieda li jdaħħal fuq il-*Capitana* u fuq xwieni oħra xi daqqaqa tal-klarinett u daqqaqa tat-trombi.[7] Dawn id-daqqaqa wkoll kienu jdoqqu fil-Palazz tal-Gran Mastru. Fost dawn kien hemm Nicola u Claudio Tedesco mill-Belt attivi fis-seklu 18.[8]

Fis-seklu 19, dawn id-daqqaqa tal-pifara u tamburo kienu nies tar-reġimenti Ingliżi. Tul l-istess seklu, in-numru ta’ strumenti żdied, meqjusa bħala l-ewwel formazzjoni bikrija ta’ banda kif nafuha llum.[9]

## Minn setgħu kienu dawn id-daqqaqa?

Jidher li fis-seklu 18 fuq ix-xambekk San Pietru kien hemm tamborlino u pifaro.[10] Fl-istess żmien fuq il-bastiment *San Giovanni* kien hemm ekwipaġġ ta’ 169 ruħ, fosthom erba’ daqqaqa tat-tromba, tnejn minhom kienu Simone Tedesco u Giuseppe Bonett; żewġ daqqaqa tat-tambur Carlo Saliba u Giuseppe Ganado, u l-pifaro Paolo Arnaud.[11] Fuq is-*Santa Teresa* kien hemm it-tamborlino Francesco Borg u l-pifaro Antonio Fabri.[12]

Fl-4 ta’ Frar 1762 numru ta’ daqqaqa tal-flawt u t-tambur tħallsu bejniethom 14-il skud. Il-lista kienet tinkludi lil Francesco Borg u Giuseppe Ganado li f’dak iż-żmien kienu jdoqqu t-tambur fuq il-bastiment *San Giovanni.* Jissemmew Pasquale Ubert attiv fuq il-bastiment *San Antonio*; Carlo Saliba u Silvestro Borg idoqqu t-tambur fuq ix-xambekk *San Paolo u San Pietro* rispettivament. Magħhom hemm ukoll imniżżel l-isem ta’ Paolo Arnaud.[13]


A' 4. Febraro 1762.
Francesco Borg } Tamburi della Nave S. Gio(vanni) Comand.te
Giuseppe Ganado }
Pasquale Ubert della Nave S. Antonio.
Carlo Saliba – del Sciab.co S. Paolo.
Silvestro Borg – del Sciab.co S. Pietro.
E delle due Casse di Rispetto, che doveva tenere
Paolo Arnaud Pifaro della sud.a Nave Comand.te
Il Sig.r Commissario Comend.r Sarafa si compiacerà
pagare al Sargento Ganado Scudi quattordici
per il mantenimento delle sopra.tte Casse delli
sopra.tti Tamburi a sc. 2. – per ogni Cassa, acciò
per la loro Annata maturata à tutto Dicembre
scorso Dico ——— 14. – –
Il Maggiore delle Navi

*Diversi daqqaqa li kienu attivi fuq il-bastimenti tal-Ordni ta’ San Ġwann fis-sittinijiet tas-seklu 18. (Bibljoteka Nazzjonali)*

Fil-forti ta’ Sant Iermu kien hemm banda. Fl-1794, din il-banda kienet iffurmata minn Gioacchino Pavia li kien tamborlino maggiore fil-gwardja tal-Gran Mastru, l-aħwa Simone u Carlo Tedesco li kienu jdoqqu tromba di caccia, Pietro Rizzo ta’ nazzjonalità Kalabresa li jdoqq il-fagott, u Giuseppe Serena magħruf ukoll bħala Sinerco li kien idoqq is-serpentone,[14] kollha residenti fil-Belt u kollha litterati.[15] Jidher li l-bandisti fil-Forti Sant Iermu kienu mużiċisti tajba, uħud minnhom



Die xj., Aprilis 1764.

Dictum Simonis Tedeschi de Civit. Vallet. datum medio eius iuram. pt. tacta [illegible] [illegible] Perill. Dni. [illegible] ut infra

Sig.ri mi chiamo Simone Tedeschi sono figlio legitimo e naturale di Salvadore Tedeschi, ed Anna giug.li nacqui in questa Città Vallta, hò l'età d'anni vent'uno in circa. E venti mesi in circa sono m'arrollai in qualità di Trombetta in servizio della Nave Comandante di questa S. Relig.ne colla quale hò navigato sino l'ultimo viaggio fatto per Lisbona e non feci altre navigazioni E perche sono in stato libero, e bramo accasarmi, perciò fò instanza per l'oppurtuna licenza

Quibus [illegible]

*L-istqarrija tal-istat liberu minn Simone Tedesco, iben Salvatore mill-Belt Valletta. Dokument iddatat 11 ta' April 1764. Simone Tedesco kien idoqq it-trumbetta fuq il-bastiment tal-Kmandant tal-Ordni ta' San Ġwann. (Arkivju tal-Katidral Metropolitan, Imdina)*

studjaw il-mużika barra l-pajjiż. Fil-fatt, fl-1778, Pietro Rizzo, Grieg mir-Renju ta' Napli li kellu 36 sena li kien idoqq it-tromba fuq il-vaxxell tal-Ordni, għal xi snin kien tgħallem it-tromba di caccia f'Napli "per impararei il suono della tromba di caccia." Wara kien telaq lejn il-belt t'Agosta.[16]

Id-daqqaqa jissemmew ukoll fil-Battaljun tas-Samra fi żmien l-imblokk kontra l-Franċiżi, magħmul minn numru ta' Żebbuġin li kellhom iħarsu l-wita ta' San Ġużepp (illum il-Ħamrun) kif ukoll kellhom f'idejhom l-għolja magħrufa bħala Tas-Samra, post l-aktar importanti minħabba l-qagħda strateġika tagħha fil-mixja 'l quddiem għas-suċċess ta' dan l-imblokk. Fl-aħħar paġna tal-manuskritt *Battaglione di Casal Zebbug di Guarnigione dell'Samra* miktub fl-10 ta' Novembru 1799, hemm imniżżel l-isem tas-surmast – Capo Banda – Giuseppe Calabrese u 11-il bandist li kien jinkludu żewġ daqqaqa tat-tambur.[17] Id-daqqaqa ta' dan il-battaljun kienu Luigi Galea (strument mhux speċifikat), Pasquale Galea, Vincenzo Bertucci, Gio. Batta Madiona, Pasquale Buttigieg li lkoll kienu jdoqqu l-klarinett filwaqt li Giuseppe Carbonese, Ferdinando Bonnici, Antonio Bonnici, Antonio Arrighi kienu jdoqqu t-tromba. Iż-żewġ daqqaqa tat-tambur kienu Giuseppe Psaila u Antonio Dodo. Minn studju li sar s'issa ma jidhirx li kien hemm xi banda oħra fil-kampijiet li kienu qedgħin jiċċirkondaw il-Belt u t-tlett ibliet tal-Kottonera. Mill-istatus animarum ta' Ħaż-Żebbuġ, Siġġiewi u tan-Naxxar li kien jagħmel ukoll ma' dan il-battaljun, ma nsibux l-ismijiet ta' dawn id-daqqaqa. Żgur li familji b'kunjomijiet bħal Arrighi, Bertucci, Calabrese, Carbonese u Dodo kienu aktar komuni fl-ibliet tal-port.[18]

Il-kunjom Arrighi jissemma wkoll f'każ li nstema' fit-Tribunal tal-Inkwiżizzjoni

quddiem l-inkwiżitur Monsinjur Giulio Carpegna (1793-1798). Ċertu Raimondo Arrighi, iben Francesco kien idoqq it-tambur iżda wara kien sar suldat fuq il-galera *La Magisteriale* tal-Ordni. Huwa kien deher quddiem l-Inkwiżitur biex jixhed fuq Pasquale Inguanez akkużat bi kliem eretiku. Fil-każ jissemma wkoll ċertu Salvatore Casciolli mill-Belt ukoll li bħal Arrighi kien tamburro iżda wara kien sar suldat fuq il-bastiment San Nikola. It-tnejn kienu illiterati.[19]

Natale Pisano kien il-*Capo Banda della Navi per stromenti di fiato*. Niltaqgħu miegħu f'servizz tal-mużika li kien ta fil-festa tas-Salib fil-Belt nhar it-3 ta' Mejju 1782. Għaxar snin qabel, Natale Pisano, iben Carmino u Maria mill-Belt jistqarr għall-istat liberu tiegħu. Jgħid li kellu 18-il sena u kien klarinettista fuq il-vaxxell tal-Ordni – *"sono Primo Clarinetto della nave di questa S. Rel."*[20] Fi tfulitu, Natale Pisano kien joqgħod fi Strada Principale fil-parroċċa tal-Porto Salvo l-Belt.[21] Fl-istess inħawi kien hemm toqgħod il-familja tal-organari magħrufa Pietro u Gaetano Turiglio.[22]

Fr-reġistri tal-fratellanza tas-Salib fil-Belt jissemma wkoll ċertu Vincenzo Cumbo li fl-1784 tħallas tliet skudi għas-sehem tiegħu fil-festa tas-Salib.[23] Vincenzo Cumbo kien iben Antonio, it-tnejn mużiċisti mill-Belt. Fl-1721, Antonio Cumbo, iben Giuseppe kellu 50 sena, bi professjoni ta' 'suonatore' u kien litterat.[24] Fl-1778, Vincenzo jikkonferma li kellu 25 sena u kien idoqq il-Buo.[25]

It-tieni parti ta' dan l-artiklu se jkun iffukat fuq il-familji mużikali ta' Arnaud u Tedesco, kif ukoll daqqaqa ta' nazzjonalità barranija li kienu jaħdmu u jgħixu fil-Belt Valletta matul is-seklu 18.

## Referenzi u Noti


1. Fl-1717 Dun Domenico Faccioli niżżel total ta' 4846 resident fil-parroċċa tiegħu. Arkivju tal-Katidral, Mdina, ACM Misc 193/11, f.35. Dwar il-bijografija ta' Dun Domenico Facciol u qassisin oħra tas-seklu 17 ara V. Borg, The Maltese Diocese during the Seventeenth Century (Melita Sacra III), Malta 2015.
2. Arkivji tal-Kurja Arċiveskovili, Floriana, *Conto che rondono li Procuratori Don Pietro Faccioli e Gio Battista Dorel della procura della Ven. Chiesa Parrocchiale di S. Paolo in Valletta, 1 Maggio 1699 – 30 Aprile 1707,* pp.24, 27
3. Ibid., pp.25, 27
4. Arkivju tal-Kurja Arċiveskovili, Floriana*, Conto del Dr. D. Michele Aquilina e Barone Isidoro Viani della procura della chiesa parrocchiale di S. Paolo Appostole della Valletta per loro amministrata del primo Settembre 1722 sino Agosto 1726*, pp.36, 38
5. J. M. Wismayer, *The Fleet of the Order of St John*, Malta 1997. p.18. N(ational) L(ibrary) of M(alta), A(rchives) of the O(rder) of M(alta), 1934a, f.25. Ħajr lil Joseph Muscat mir-Rabat, illum mejjet, li għoġbu jwassali din ir-riferenza u riferenzi oħra meħuda mill-Arkivju tal-Ordni ta' San Ġwann fil-Librerija Nazzjonali fil-Belt.
6. Antonio Bosio, *Dell'Istoria della Sacra Religione et Ill.ma Militita di S. Giovanni Gerosolimitano, Tomo III,* p.138
7. Wismayer, p.25
8. NLM, AOM, 1000, p.148
9. Ara N. D'Anastas, *Id-Daqqaqa fil-Festi Tagħna fis-Seklu 18*, fil-programm tal-festa maħruġ mis-Soċjeta Filarmonika Nicolò Isouard, Mosta 2008, 79-83
10. Wismayer, p.282
11. Ibid., p.268
12. Ibid., p.254
13. NLM, AOM 1826, f. 827
14. *Serpentone* huwa strument mużikali tan-nifs, normalment tal-injam twil madwar żewġ metri u nofs li minħabba dan it-tul kien ikollu forma ta' ċrieki (qisu serp imkebbeb). Kien jipprovdi noti baxxi f'kumpless mużikali li baqa' jintuża l-aktar fil-knejjes u baned militari sal-bidu tas-seklu dsatax. Ara J. Vella Bondin, *Il-Mużika ta' Malta sa l-aħħar tas-Seklu Tmintax*, Malta 2000, p.55.
15. Arkivju tal-Katidral, Mdina. A(rchivum) I(nquisitionis) M(elitensis), Proc. Crim. 137, ff.19-26
16. Arkivju tal-Katidral, Mdina. C(uria) E(piscopalis) M(elitensis), A(cta)O(riginalia) 335 (1778), f.310
17. C.Testa, *The French in Malta (1798-1800),* Malta 1997, p.693
18. N. D'Anastas, *Mużiċisti u kompożituri Żebbuġin*, Programm tal-Festa ta' San Ġużepp, Ħaż-Żebbuġ, 1999. pp.161-167
19. AIM, Proc Crim. 136, Case 27, ff.222-233. Referenza mgħoddija lili minn Tony Camenzuli.
20. Natale Pisano kien qed jixhed għal 'stat liberu' ta' Pasquale Grazio ta' 40 sena mill-Belt li wkoll kien idoqq ma' Pisano fuq l-istess vaxxell. Cf. CEM AO 332 (1772), ff.438-439v.
21. Fl-iStatus Animarum tal-1762 tal-Parroċċa tal-Porto Salvo fil-Belt, Natale Pisano imniżżel li kellu 8 snin, iben Maria (55 sena). Fl-istess dar kien hemm joqgħodu Grazia (19), Margerita (13), Rosalia (6) u Anna (sentejn). Il-missier mhux imniżżel. Cfr. CEM St. Anim. Vol.29 (Porto Salvo, Valletta 1762), f.40v.
22. Ibid., f.41
23. G. Aquilina, *Il-Ġimgħa l-Kbira tal-Belt*. Malta 1986. Aquilina jagħti riferenza dwar il-mużika fuq ix-xwieni tal-Ordni ta' San Ġwann b'riferenza għall-istudju ta' Joseph Muscat, espert fl-istorja marittima u xwieni ta' żmien l-Ordni.
24. Antonio Cumbo kien xehed għal stat liberu ta' Epifanio Cornaro. Cf. CEM, AO 627 (1721), f.129
25. CEM, AO 336 (1778), f.76